BIRKIRKARA

Minuti tad-Disgħa u Erbgħin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-6pm.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta)<br>Is-Sur Mark George Abdilla<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti (Assent skużat)<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assent skużata) |
| **L-Uffiċċjal:**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Kaylocke Buhagiar. u s-Sinjura Josianne Cardona Gatt. Il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti kien assent skużat u Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien preżenti ċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet skużata.

Għal xi ħinijiet tal-laqgħa, kien preżenti s-Sur Ray Pellicano, konsulent tal-Kunsill.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 48

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 48, ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament.

## 2. Kunsiderazzjoni u affarijiet li jirriżultaw mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit staqsiet kif bqajna fuq l-impjegata Mandy Carly Farrugia. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Neil Spiteri qal illi hu bagħat email, SMS u sussegwentament ittra reġistrata lil Mandy biex din tirritorna għax-xogħol, imma għad ma kellu l-ebda tweġiba minn għandha. Hu qal illi staqsa wkoll lid-Dipartiment li tawna l-parir niċċekkjaw mal-*collective agreement* u ma' l-avukat tal-Kunsill qabel ma tittieħed deċiżjoni. Dan se jsir fil-jiem li ġejjin qabel ma tittieħed deċiżjoni.

2.2 Peress li fil-laqgħa preċedenti tkellimna dwar it-tender tal-V&C u x'xogħlijiet jistgħu isiru bih, is-Sindku s-Sinjura Joanne Debonio Grech kkonfermat mal-konsulent Ray Pellicano d-deċiżjoni finali, u qaltlu li Ta' Paris nistgħu nkomplu bil-V&C, kif kien qal il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami. Iva, is-Sur Pellicano qabel li dan jista' jsir. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-BOQ li kien ingħata dwar l-ewwel fażi tal-proġett Ta' Paris u li kien għaddha lir-reġjun kienet ħażina u għalhekk is-Sur Pellicano se jgħaddilu l-BOQ wara li ħa l-*measurements* kollha, a bażi tal-prezzijiet tal-V&C u fejn hemm varjazzjonijiet a bażi ta' *framework agreement* ta' TM. Is-Sindku qalet ukoll li dan jista' jsir għal kull proġett anke għal Ġnien Stazzjon. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.3 Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi bħala AKL u Reġjun talbu laqgħa mal-Ministru dwar il-problema tal-LESA peress li l-LESA mhiex qegħda tgħaddi pagamenti lir-reġjuni u hemm problema kbira ta' likwidita' finanzjarja. Apparti minn hekk hawn nuqqas ta' gwardjani.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li d-Dipartiment ta' l-Anzjani qed jipproponi ftehim ġdid dwar id-*Day Care* ta' l-Anzjani fejn id-Dipartiment ma jħallasx kera. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li sal-lum aħna nirrikonoxxu l-kuntratt li kien sar bejn il-Kunsill u d-Dipartiment fis-sena 2000. Il-Kunsillier Michael Feench Adami semma kuntratt ieħor li jista' jkun simili ma' dak li kellna tal-*Health Department*. Is-Segretarju se jiċċekkja madankollu hija ċara li bħala Kunsill ma naqblux li l-kera tkun b'xejn.

## 4. Korrispondenza

4.1 *Refab Textile Recycling* talbet biex tinstalla xi kontenituri mar-raħal biex jibdew jinġabru ħwejjeġ għar-riċiklaġġ. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li s-Segretarju għandu

jieħu direzzjoni mingħand id-Dipartiment jekk dan jistax isir peress li fil-passat ġa ġejna mwaqqfa meta ppruvajna xi skemi simili.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Greenpak qegħdin joffru li jiġbru l-iskart elettroniku huma minflok li aħna bħala Kunsill inqabbdu kuntrattur tal-*bulk refuse* u s-Segretarju qal li b'hekk niffrankaw il-flus. Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi għandna noħorġu *tender* għall-iskart elettroniku li sar jiswa ħafna flus. Se jiġi ċċekkjat dan jistax isir mad-Dipartiment.

## 5. Tender BLC2-15 Ġbir ta' Skart b'Emerġenza

5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għalissa l-ġbir ta' l-iskart qiegħed isir b'emerġenza għaliex għadna ma nistgħux niffirmaw il-kuntratt. Il-kuntrattur Northern Cleaning qabad u telaq meta ra li ntilef l-appell kontra l-Kunsill imma għadna ma nistgħux niffirmaw il-kuntratt ma' WM minħabba li għadu ma għaddiex żmien biżżejjed li fih jista' jsir appell il-Qorti. Minħabba f'din is-sitwazzjoni, il-Kunsill ma għadux triq oħra ħlief li jaħdem ma' l-irħas kuntrattur, WM u l-iskart se jibda jinġabar mit-8am sal-11am.

## 6. Tender BLC2-16 *Aġġudikazzjoni Decorative and Architectural External Lighting*

6.1 Is-Sur Ray Pellicano qal li meta wieħed jikkumpara s-*schedule of rates* għal kwantitajiet approssimativi, il-kumpanija Calleja kellha rati ħafna aħjar minn ta' *Brighter Solutions* u għalhekk ġie suġġerit illi l-kumpanija Calleja tingħata t-tender.
Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa jekk dan it-tender hux *supply and install* u s-Sur Pellicano qal li mhux il-każ għax il-Kunsill jixtri dan il-*lighting* u mbagħad jgħaddihom lill-kuntrattur li għandu t-tender ta' l-*istreet lighting* biex jinstallahom. Is-Sur Fenech Adami qal illi rridu noqogħdu attenti biss għax f'dawn it-tip ta' tenders, jekk jinqala' inċident, tinqala' problema ta' responsabilta' bejn min jissuplixxi l-*lighting* u min jinstalla. Is-Sur Pellicano qal illi għalkemm it-tender kien ta' *supply* biss, dan mhux *lighting* biss imma anke aċċessorji u l-bażi. Il-Kunsill qabel nem. con. illi dan it-tender jingħata lil Calleja Ltd.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

7.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa dwar pagamenti li saru lil V&C u jekk humiex l-istess pagament li kien għamel *Transport Malta*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-iskeda kien hemm kontijiet ġodda għal xogħol ġdid varju li sar issa f'diversi toroq.

7.2 Rigward il-kontijiet tal-V&C ta' Sqaq it-Tiġieġ, kien hemm mistoqsija dwar jekk qattx għaddew mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv se jiċċekkja u f'każ li ma telgħux jitilgħu fil-laqgħa li jmiss. Għal kjarifika dawn kienu xogħlijiet li saru minn V&C fejn TM ħallsu lill-Kunsill u l-Kunsill ħallas lil V&C.

7.3. L-iskeda tal-pagameneti 35 ġiet approvata unanimament.

## 8. Aġġornament

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm u ġiet aġġornata *sine die*.

BIRKIRKARA

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq
[http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/](http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/)